KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Nru. 26.2016**

Data: Ħamis 30 ta' Ġunju 2016

Ħin: 19.30 p.m.

Post: Bini Amministrattiv tal-Kunsill

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Is-Sur Edwin Vassallo** | **Sindku** |
| **Is-Sur Ivan Bartolo** | **Viċi Sindku** |
| **Is-Sur Alexander Muscat** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Keith Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Gianluca Busuttil** | **Kunsillier** |
| **Dott Angele Rapa** | **Kunsillier** |
| **Dott. Karl John Tanti** | **Kunsillier** |
| **Is-Sa Maria Pia Bonnici** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mark Micallef** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Michael Mifsud** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**Skużati**

| | |
|---|---|
| **Is- Sur James Cassar** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Mario Sammut** | **Kunsillier** |
| **Is-Sur Joseph Gatt** | **Kunsillier** |

**Assenti**

| | |
|---|---|
| **Dott. Rachel Tua** | **Kunsillier** |

**Aġenda:**

1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 23 u Nru 24, 25

2. Punti Mqajjma mill-Minuti

3. Kommunikazzjoni mis-Sindku

4. Korrispondenza

5. Ordnijiet tal-ġurnata

i) Memorandum of Understanding MCAST

6. Approvazzjoni

- Skeda ta Pagamenti
- Purchase Orders
- Works Orders
- Petty Cash

7. Aġġornament

Il-laqgħa bdiet **8.00** ta' filgħaxija.

## 1. Qari w Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa Nru 23,24,25

Il-minuti tat-tlieta u għoxrin (23) Laqgħa b'Urġenza li saret nhar Tlieta 17 ta' Mejju 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

Il-minuti tal-erbgħa u għoxrin (24) Laqgħa li saret nhar it-Tnejn 6 ta' Ġunju 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

Il-minuti tal-ħamsa u għoxrin laqgħa (25) Laqgħa li saret nhar il-Erbgħa 15 ta' Ġunju 2016 ġew approvati b'mod unanimament.

## 2. Punti Mqajjma mill-Minuti Nru 23

### 2.1 Minuta 1

Is-Sindku nforma lill membri li l-Kunsill għadu qed jistenna kif id-dipartiment flimkien mal-NAO, l-pulizija ser ikomplu l-investigazzjoni dwar l-imsemmija ċekks li nstabu f'dan il-Kunsil . Is-Sindku kompla jgħid illi malli jkollna aktar informazzjoni ser jinforma lil membri.

### 2.2 Minuta 2.1

Is-Sindku nforma lill membri li l-Perit tal-PAMA iltaqa mal-Kunsill u ġew pprovduti żewġ pjanti sabiex issir l-embellishment ta' Mlit u taż-

Żokrija. Is-Sindku poġġa fuq l-mejda l-imsemmija pjanti sabiex b'hekk infetħet diskussjoni dwar iż-żewg proġetti msemmija.

Il-membri tal-Kunsill qablu mal-pjanti preżentati unanimament.

**2.3 Minuta 2.2**

Is Sindku nforma lill membri li l-MEPA ma laqgħux it-talba tagħna ta CPPS . Il-Kunsill reġgħa kiteb punt ta kjarifika lill MEPA u issa rċevejna lura li l-punti ta kjarifka ser jitellgħu quddiem il-bord tal istess MEPA .

**2.4 Minuta 2.3**

Is-Sindku nforma lill membri li l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda forma ta kommunikazzjoni mill-Bord tal-Evalwazzjoni dwar tender tal-iskart .

**2.5 Minuta 2.4**

Is-Sindku nforma lill membri preżenti li dwar il-każ tas-Sur Marco Briffa il-Kunsill għadu qed jistenna kommunikazzjoni mingħand il-bord tal-governanza.

**2.6 Minuta 4.5**

Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill iltaqa mal-ufficcjali tal-enemalta sabiex jibda l-proċess sabiex jinqalbu l-kontijiet tad-dawl kif kien rikjest mill-Iscouts.

**2.7 Minuta 5.1**

Is-Sindku qal li apparti mill-fatt tal-maltemp l-attivita tal-ħuġġieġa ta San Ġwann kienet ta suċċess u jħares il-quddiem sabiex din l-attivita tibqa ssir ta kull sena sabiex b'hekk il-lokalita tal-Mosta tibqa tiftakar fil-passat tagħha. Il-membri qablu unanimament.

**3.0 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**3.1 Zebra Crossing ta Vjal Ragusa** - Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jitlob lil Transport Malta sabiex ikunu installati il-belisha lights minħabba l-fatt li jista jkun hemm xi forma ta aċċident fatali.

### 3.2 Bidla fil-One Way Triq Santa Margerita ma Triq il-Palazz ta'Kaspru

Is-Sindku qal dwar din il-proposta kien hemm qbil mill-Kunsill li jsir tibdil u għalhekk qabel ma jsir ix-xogħol din it-talba ser tiressaq għall-approvazzjoni minn Transport Malta u għalhekk din il-korrispondenza ser titressaq quddiem is-Sur Michael Cohen fil-laqgħa li ser ssir fis-6 ta' Lulju 2016.

### 3.3 Triq il-Ġnejna

Is-Sindku qara korrispondenza tas-Sur Robert Borg minħabba li din il-bankina tinsab perikoluża għan nies peress li hija dejqa u b'hekk ikollok tinżel minn fuq il-bankina . Is-Sinjur qed jitlob li għas-spejjes tiegħu jirranġa l-bankina biex tigi kompluta mal-kumplament tat-triq.

Il- membri tal-Kunsill approvaw it-talba ta' din il-korrispondenza.

### 3.4 Triq Charles Vassallo

Is-Sindku nforma lill Kunsilliera illi din l-imsemmija t-triq għandha ssir bil-konkos bl-imprint ġo fiha. . Is-Sindku nforma lil membri li l-ewwel jrid jittieħed parir mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jaf jekk dan ix-xogħol jistax isir bil-fondi tal-UIF.

### 3.5 Attivita 13 ta' Lulju 2016 Kommemorazzjoni tas-Sur Joseph Borg

Is-Sindku nforma lill membri illi l-Kunsill ħareġ stedina għal serata f'Ġieħ il mibki is-Sur Joseph G.M. Borg nhar l-Erbgħa 13 ta' Lulju 2016 fis-7.30 ta filgħaxija fis-Sala tal-Kommunita tal-Kunsill. Ser jieħdu sehem f'din is-serata nies li ħadmu fil-qrib mal-mibki is-Sur Joseph Borg.

## 4.0 Korrispondenza

### 4.1 Korrispondenza Nru 1 – Case 261.16 – Hectors Ironmongery Mosta

Wara li l-Kunsill irċieva komunikat mill-Bord tal-Monitoraġġ l-Kunsill iddeċieda li jħallas dawn 2 kontijiet pendenti jiġifieri l-ammont dovut lill Hector Ironmongery. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament li l-ħlas jsir.

### 4.2 Korrispondenza Nru 2 – Bozoz mal Faċċata tar-Residenti

Is-Sindku qara korrispondenza mingħand il-Kunsillier Keith Cassar fuq bozoz mal-faċċata tar-residenti fuq meta jkun ser jaqa xi bini u tinxtara minn sid ġdid u jkun irrid iċċaqlaq il-bozza.

Il-Kunsill iddeċieda sabiex is-sistema tibqa l-istess billi l-applikant iħallas għas-shifting tal-bozza filwaqt li l-Kunsill qabel li kull darba li isir stalazzjoni ta bozza ġdida ma ssirx f'nofs il-faċċata iżda ħdejn l-appoġġi.

**4.3 Korrispondenza Nru 3 – Informazzjoni dwar Triq Sir Arthur Borton biex isir one way**

Is-Sindku qara korrispondenza li l-Kunsill bagħat lil Transport Malta rigward Triq Sir Arthur Borton sabiex isir one way. Il-Kunsill għadu qed jistenna risposta minn Transport Malta. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.4 Korrispondenza Nru 4 – Segretarju Eżekuttiv Prospettivi**

Is-Sindku talab lil Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jinforma lill-membri dwar is-sejħa tas-Segretarju Eżekuttivi.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill membri li l-Kunsill irċieva lista tal-pool tas-Segretarju prospettivi u għaldaqstant wasal iż-żmien sabiex tinħareġ is-sejħa ta' ingaġġ għas-Segretarji Eżekuttivi fi ħdan il-Kunsill .

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ssuġerixxa sabiex l-ewwel ikun iffurmat il-bord tal-għażla qabel ma tinħareġ din is-sejħa. Wara diskussjoni s-Sindku ssuġerixxa sabiex f'dan il-bord ikun mgħamul minn 5 membri u chairperson.

F'dan ir-rigward ic-chairperson ikun l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku, l-Viċi Sindku , l-kunsillier Alex Muscat u żewġ segretarji eżekuttivi minn kunsilli oħra li s-Sur Paul Gatt Segretarju Eżekuttiv Naxxar u Aġent Segretarju Eżekuttiv San Pawl il-Baħar u s-Sur Kenneth Brincat Segretarju Eżekuttiv Ħal-Qormi u Aġent Segretarju Eżekuttiv il-Marsa. Il-membri qablu unanimament.

**4.5 Korrispondenza Nru 5 – Servizz ta Fire Engine minħabba il-Festa tal-Bidnija 17 ta' Lulju 2016**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza fejn kitbilna Fr R. Demartino fejn qed jitlob lill-Kunsill jipprovdi is-servizz tal-Fire Engine fejn isir il-ħruq tan-nar minħabba il-festa tal-Bidnija li ser ssir nhar il-Ħadd 17 ta' Lulju 2016.

Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qal li minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, il-Kusill ma jistax jilqa din it-talba. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.6 Korrispondenza Nru 6 – Cirkulari 1.2016 – Effiċjenza fil-Kommunikazzjoni.**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza u għaddieha lil Kunsilliera għal-attenzjoni tagħhom. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.7 Korrispondenza Nru 7 – IJ Boxing Exhibition Event 25 June 2016**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi din il- korrispondenza ittieħdet azzjoni fuqha billi l-Kunsill ta in-no objection sabiex tkun tista ssir din l-attivita li saret fil 25 ta' Ġunju 2016. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament. Il-Kunsill ta no objection bil-kundizzjoni li Triq il-Manwela tibqa miftuħa għat-traffiku.

**4.8 Korrispondenza Nru 8 – Talba għad-direzzjoni żbilanċ finanzjarju tal Kunsill Lokali 2015**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi hu flimkien mas-Segretarju għandhom laqgħa mad-Direttur tal-Gvern Lokali fit-12 ta' Lulju 2016 . Id-Direttur għandu jinfurmana lura bil-ħin jekk huwiex tajjeb fis-siegħa. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.9 Korrispondenza Nru 9 – Cirkulari 2.2016 – Permess għall-ħatt ta merkanzija minn fuq trailers**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza u għaddieha lil Kunsilliera għal-attenzjoni tagħhom. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.10 Korrispondenza Nru 10 – Użu tat-Teatru Targa Gap**

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill illi din il-korrispondenza ittieħdet azzjoni fuqha billi l-Kunsill bagħat no objection sabiex ikunu jistgħu jużaw it-Teatru Grieg nhar il-Ħamis 8 ta' Settembru fis-18.00 p.m. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.11 Korrispondenza Nru 11 – Użu tal kamra tal-playing field taż-Żokrija**

Il-Kunsill qara din il-korrispondenza u approva li terġa tintuża il-kamra fil-playing field taż-żokrija mill-Grupp Leġjun ta Marija. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.12 Korrispondenza Nru 12 – Memorandum Agreement Community Worker**

Il-Kunsill innota din il-korrispondenza u qed jistenna data mingħand District Operations sabiex issir l-iffirmar ta dan il-Memorandum Agreement. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.13 Korrispondenza Nru 13 – Casa Apap Bologna PA 2792/15 Constitution Street Mosta**

Il-Kunsill qara din il-korrispondenza u ddeċieda li din it-talba għandha tintbagħat lil Transport Malta. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.14Korrispondenza Nru 14 – Situation in Main Street near the statue of St Joseph**

Is-Sindku qara din il-korrispondenza fejn ir-residenti qegħdin jitolbu li ttieħed deċiżjoni minħabba li f'din it-triq imsemmija hawn fuq qed ikun hemm sewqan aċċessiv. Is-Sindku nforma lill membri tal-Kunsill illi din il-materja ser tiġi diskussa ma Transport Malta. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

**4.15 Korrispondenza Nru 15 – Triq Wied is-Sir**

Is-Sindku nforma lill Kunsill li kellu korrispondenza li Transport Malta kellha tagħmel xogħol ta tarmac kif ukoll jsir culvert għal ilam tax-xita .

Is-Sindku nforma lill membri tal-Kunsill li hu ser ikun qed jara meta ser jibda dan il-proġett.

Is-Sindku qara korrispondenza lir-residenti qed jilmentaw ġewwa Triq Wied is-Sir minħabba is-sitwazzjoni tagħhom meta tagħmel xita l-ilma qed jidħlilhom ġo djarhom. Huma qed jitolbu li jsir xi tip ta culvert.

Il-Kunsill approva din il-korrispondenza. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

* Is-Sur Keith Cassar nforma lill-kunsill dwar l-access għall-vetturi ma jkunx ostakolat minħabba li s-Sur Borg qiegħed jitlob permess għas-sissijiet u muwejjed fit-Triq.

**4.16 Korrispondenza Nru 16 – Ittra Petizzjoni mir residenti fi Triq San Anton Abbati , Triq is Sagħtar u Triq Santa Margerita –sleeping policeman**

Is-Sindku qara petizzjoni li rċieva mir-residenti ta Triq San Anton Abbati u Triq is-Sgħajtar u Triq Santa Margerita fejn qed jitolbu li ssir xi ħaġa fuq sleeping policeman li hemm fi Triq San Anton Abbati minħabba l-inkonvenjent li qed toħloq lir-residenti matul il-lejl minħabba l-istorbju.

Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill illi għandu jmur jiċċekkja hu f'dawn it-toroq imsemmija. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament. Dwar din it-talba l-Kunsill qabel li jorganizza laqgħa ma dawk li ressqu din it-talba.

**4.17 Korrispondenza Nru 17 – Ittra Gabbana tal-festa tas Sur Mario Agius**

Is-Sindku qara korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand Dr Martin Fenech fejn il klijent tiegħu is-Sur Mario Agius rigward posta tal-gabbana tal-festa .

Is-Sindku qal li din ġiet riżolta.

**4.18 Korrispondenza Nru 18 – EIPP-PA Funds**

Is-Sindku qara korrispondenza tal-Kunsillier Alex Muscat dwar fond speċjali fi ħdan l-Awtorita tal-Ippjanar jismu EIPP.

Il-Kunsillier Alex Muscat spjega li dan il-fond huwa bbażat fost l-oħrajn fuq restawr ta` kappelel , wirt storiku jew inkella xi proġett ambjentali. Huwa ssemma ukoll ~~proġett~~ proposta partikolari li huwa li jsir Architectural LED Lighting tal-għas-Santwarju ta Marija Assunta –Rotunda proġett li sjsir investiment ġdid għal Knisja .

Il-Kunsill qabel li ghandhom jinġiebu xi stimi fuq din il-materja. Il-membri tal-Kunsill qablu unanimament.

4.19*

**5.0 Ordnijiet tal-ġurnata**

**5.1 Memorandum of Understanding MCAST**

Is-Sindku talab lill membri sabiex jibgħatu l-kummenti tagħhom dwar il-memorandum of understanding mal-MCAST sabiex bhekk il-Kunsill ikun jista jipproċedi. Filwaqt li hu talab sabiex fil-Meorandum of Understanding ikun miktub li l-vetturi jibqa jkollhom aċċess mit-toroq irregolati permezz tal-Memorandum of Understanding . Il-membri qablu unanimament.

## 6.00 Approvazzjoni

**Skeda ta' pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**Purchase Orders**

Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Works Orders**

Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**Petty Cash**

Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

## 4.01 Aġġornament

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-nhar **it-Tlieta 19 ta' Lulju 2016.**

Laqgħa spiċċat fl-10.15 ta filgħaxija.

Edwin Vassallo
Sindku

Michael Mifsud
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data: 19/7/2016